

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Werrej	I	Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja	
	★	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1463/2006 tad-19 ta' Ġunju 2006 li jadatta r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea	1
		II	Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja
		Kunsill	
		2006/663/KE:	
	★	Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2006 li tadatta l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fir-rigward ta' l-iżvilupp rurali	2
		2006/664/KE:	
	★	Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2006 li tadatta l-Anness VIII ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	4

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1463/2006

tad-19 ta' Ġunju 2006

li jadatta r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁽¹⁾ introduċa regoli ġenerali li jirregolaw is-sostenn Komunitarju għall-politika ta' l-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sa l-2013 u stabbilixxa prijoritajiet u miżuri għall-iżvilupp rurali.
- (2) Dawk ir-regoli u miżuri ġenerali għandhom jiġu adattati sabiex tkun possibbli l-implementazzjoni tagħhom fil-Bulgarija u fir-Rumanija mid-data ta' l-adeżjoni ta' daww il-żewġ pajjiżi ma' l-Unjoni Ewropea.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistabbilixxi assi Leader obligatorju fi ħdan il-programm ta' żvilupp rurali, li għandu jirrappreżenta perċentwali minima ta' kontribut mill-FAEŻR lill-programm. Minħabba n-nuqqas ta' esperjenza tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-implementazzjoni ta' l-approċċ Leader u sabiex tinbena il-kapaċità lokali meħtieġa sabiex jiġi applikat il-Leader, il-kontribut finanzjarju medju ta' 2,5 % previst għall-assi Leader għandu jiġi applikat għall-perjodu 2010–2013 għal daww il-pajjiżi.

- (4) Sabiex il-Bulgarija u r-Rumanija jkunu jistgħu jibbenefikaw sa l-2013 mill-miżuri transizzjonali li jikkonċernaw is-sostenn lil azjendi agrikoli ta' semi-sussistenza u t-twaqqif ta' gruppi ta' produttori, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiżdiedu mal-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn dawn il-miżuri.

- (5) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi emendat skond il-każ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 17(2):
 “Għall-Bulgarija u għar-Rumanija, għandha tiġi rispettata medja ta' għall-inqas 2,5 % tal-kontribut totali ta' l-FAEŻR għall-assi 4 matul il-perjodu 2010–2013. Kwalunkwe kontribut mill-FAEŻR għal dak l-assi matul il-perijodu 2007–2009 għandu jitqies għall-kalkolu ta' dik il-perċentwali.”
- 2) Il-kliem introduttiv fl-Artikolu 20(d) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
 “miżuri transizzjonali għall-Bulgarija, għar-Repubblika Ċeka, għall-Estonja, għall-Ċipru, għal-Latvja, għal-Litwanja, għall-Ungerija, għall-Malta, għall-Polonja, għar-Rumanija, għas-Slovenja u għas-Slovakkja dwar.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar id-19 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kunsill
 Il-President
 J. PRÖLL

(¹) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Ġunju 2006

li tadatta l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fir-rigward ta' l-iżvilupp rurali

(2006/663/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, iffirmit fil-Lussemburgu nhar il-25 ta' April 2005, b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ⁽²⁾ jintroduċi tibdiliet għall-*acquis* li fuqu ġew ibbażati n-negozjati ta' l-adeżjoni mal-Bulgarija u r-Rumanija.
- (2) Għaldaqstant jeħtieġ li l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija jiġi adattat sabiex ikun kompatibbli mar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
- (3) Ir-regoli transitorji u implimentattivi fil-qasam ta' l-iżvilupp għall-perijodu ta' programmar li jibda fl-1 ta' Jannar 2007 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 90(2) tar-Regolament (KE)

Nru 1698/2005. Ir-referenzi fid-disposizzjonijiet proċedurali previsti fl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandhom jiġu adattati għaldaqstant.

- (4) Meta laħqu ftehim politiku dwar ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, il-Kunsill u l-Kummissjoni ftehm u f'dikjarazzjoni konġunta dwar il-Bulgarija u r-Rumanija li jestendu l-miżura dwar is-servizzi konsultattivi prevista fl-Anness VIII għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija sa l-2013 fir-rigward tal-provvista ta' tali servizzi konsultattivi lill-bdiewa li jirċievu għajjnuna semi-sussistenzjarja. L-Att ta' l-Adeżjoni għandu jiġi adattat b'kunsiderazzjoni ta' dan il-ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 29, it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk ikunu meħtieġa miżuri transitorji speċifiċi f'dan ir-rigward, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 90(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ^(*).

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1463/2006 (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

^(*) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1463/2006 (ĠU L 277, 9.10.2006, p. 1).".

2) L-Artikolu 34 għandu jiġi emendat kif ġej:

Artikolu 2

(a) il-Paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Din id-Deċiżjoni għandha titfassal bil-lingwa Spanjola, Ċeka, Daniża, Ġermaniża, Estonjana, Griega, Inġliża, Franċiża, Irlan-diża, Taljana, Latvjana, Litwanjana, Ungeriża, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Finlandiża, Żvediża Bul-ġara u Remena, u kull wieħed mit-tlieta u għoxrin test ikun ugwalment awtentiku.

“1. Minbarra r-regolamenti dwar l-iżvilupp rurali fis-seħħ fid-data ta' l-adeżjoni, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet I, II u III ta' l-Anness VIII għandhom japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanija għall-perijodu 2007–2009, bl-eċċezzjoni tat-Taqsima I, il-punt D, ta' dak l-Anness li għandu japplika wkoll għall-perijodu 2010–2013 fir-rigward tal-provvista ta' servizzi konsultattivi għall-bdiewa li jirċievu għajjnuna semi-sussistenzjarja. Id-dispożizzjonijiet finanzjarji speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima IV ta' l-Anness VIII għandhom japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanija matul il-perijodu ta' programmar 2007–2013 kollu.”

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fl-1 ta' Jannar 2007, soġġetta għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

(b) Il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar id-19 ta' Ġunju 2006.

“3. Għandhom jiġu adottati regoli implimentattivi, fejn meħtieġ, għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.”

Għall-Kunsill

Il-President

J. PRÖLL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Ġunju 2006

li tadatta l-Anness VIII ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea

(2006/664/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, iffirmat fil-Lussemburgu nhar il-25 ta' April 2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u b'mod partikolari l-Artikolu 34(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ⁽²⁾ jintroduċi tibdiliet għall-*acquis* li fuqu kienu bbażati n-negozjati mal-Bulgarija u tar-Rumanija dwar l-adeżjoni tagħhom.
- (2) Għaldaqstant jeħtieġ li l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija jiġi adattat sabiex ikun kompatibbli mar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
- (3) Filwaqt li jsiru l-adattamenti meħtieġa għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, il-karattru u l-prinċipji funadamentali tar-riżultati tan-negozjati għandhom jinżammu u jiġu applikati għad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti. Barra minn hekk, l-adattamenti għall-Att ta' l-Adeżjoni għandhom ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ.
- (4) Il-miżuri ta' semi-sussistenza u ta' gruppi ta' produttori previsti fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 bħala miżuri transizzjonali għall-Bulgarija, għar-Repubblika Ċeka, għall-Estonja, għal Ċipru, għall-Latvja, għal-Litwanja, għall-Ungerija, għal Malta, għall-Polonja, għar-Rumanija, għas-Slovenja u għas-Slovakkja. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija f'dawn l-oqsma għandhom jitħassru.

(5) Id-dispożizzjonijiet dwar is-sostenn tekniku previst fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u konsewwentement għandhom jitħassru.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistabbilixxi assi *Leader* obligatorju fi ħdan il-programm għall-iżvilupp rurali, li għandu jkopri perċentwal minimu ta' kontribut tal-FAEŻR għall-programm. Barra minn hekk, l-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi miżura ta' sostenn għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, li hija differenti mill-arranġamenti li kienu ġew negozjati mal-Bulgarija u mar-Rumanija. Huwa għalhekk meħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar *Leader* stipulati fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija jiġu armonizzati mad-dispożizzjonijiet il-ġodda previsti fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jipprevedi appoġġ għall-użu ta' servizzi konsultattivi. Madankollu, hemm xi differenzi bejn l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u dak ir-Regolament fl-ambitu ta' dik il-miżura. Sabiex jiġi evitat, notevolment, finanzjament doppju għall-ewwel tliet snin tal-programm, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jagħżlu li jimplementaw il-miżura prevista fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni jew il-miżura prevista fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

(8) Barra minn hekk, meta laħqu qbil politiku dwar ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu f'dikjarazzjoni komuni dwar il-Bulgarija u r-Rumanija li jestendu l-miżura dwar is-servizzi konsultattivi prevista fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija sa l-2013 fir-rigward tal-provvista tas-servizzi konsultattivi lill-bdiewa li jirċievu sostenn ta' semi-sussistenza. L-Att ta' l-Adeżjoni għandu jiġi emendat sabiex jieħu in konsiderazzjoni dan il-ftehim.

(9) Ladarba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽³⁾ stabbilixxa Fond uniku għas-sostenn Komunitarju favur l-iżvilupp rurali li jieħu post iż-żewġ sorsi preċedenti ta' finanzjament, jeħtieġ li tiġi ċċarata l-bażi li fuqha għandu jiġi kalkolat il-limitu massimu ta' 20 % speċikat fil-komplement mal-miżura ta' pagament dirett prevista fil-punt E tat-Taqsima I ta' l-Anness VIII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

⁽¹⁾ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1463/2006 (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42)

- (10) Is-sostenn Komunitarju previst fil-punt E tat-Taqsima I ta' l-Anness VIII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandu l-għan li jikkofinanzja pagamenti nazjonali diretti jew għajnuniet mogħtija skond l-Artikolu 143ċ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001⁽¹⁾. Għal din ir-raġuni, ma għandux jittieħed kont ta' dak is-sostenn fil-kalkolu tal-bilanċ bejn l-għanijiet deskritti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
- (11) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 m'għadux jinkludi l-vijabbiltà ekonomika bħala kriterju ta' l-eliġibbiltà tal-miżura dwar sostenn għall-investment. Id-deroga relatata prevista għall-Bulgarija u għar-Rumanija fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni għandha għalhekk titħassar.
- (12) Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jistabbilixxi regoli ġodda dwar il-finanzjament tan-nefqa fuq l-iżvilupp rurali. Billi daww id-dispożizzjonijiet isegwu l-istess prinċipji bħall-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali⁽²⁾, li jissemew fl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, id-dispożizzjonijiet finanzjarji speċifiċi previsti fl-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni m'għadhomx meħtieġa. Barra minn hekk, jeħtieġ li f'dak l-Anness jiġi modifikat il-kontribut finanzjarju Komunitarju għall-miżuri agro-ambientali u għall-miżuri għat-trattament xieraq tal-bhejjem billi, skond l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, ir-rati ta' kofinanzjament m'għadhomx jiġu ffixxati fil-livell tal-miżura iżda fil-livell ta' l-assi,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness VIII ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Is-Sezzjoni I għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-punti A u B għandhom jitħassru;

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 953/2006 (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 173/2005 (ĠU L 29, 2.2.2005, p. 3).

(b) il-punt Ċ għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Ċ. Miżuri tat-tip *Leader* +

Addizzjonalment għall-miżuri previsti fl-Artikolu 63(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, jista' jingħata sostenn lill-miżuri li ġejjin:

(a) l-iżvilupp ta' sħubiji rappreżentattivi għall-iżvilupp lokali;

(b) il-formulazzjoni ta' strateġiji integrati għall-iżvilupp;

(ċ) il-finanzjament tar-riċerka u l-preparazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal sostenn.”

(ċ) il-punt D għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“D. Servizzi ta' konsultazzjoni għall-ażjendi agrikoli u ta' estensjoni agrikola

(1) Għandu jingħata sostenn għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza għall-ażjendi agrikoli u ta' estensjoni agrikola.

Għall-perjodu 2007–2009, dak is-sostenn ma jstax jiġi inkluż fil-programm għall-iżvilupp rurali jekk ikun previst sostenn skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

(2) Għall-perjodu 2010–2013, dan is-sostenn għandu jingħata biss għall-provvista ta' servizzi lill-bdiewa li jirċievu sostenn semi-sussistenzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 20(d)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Bħala minimu, is-servizzi ta' konsultazzjoni lill-bdiewa msemmija fil-punt 1 għandhom ikopru:

(a) il-kondizzjonijiet amministrattivi statutorji u l-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba previsti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u fl-Annessi III u IV tiegħu;

(b) l-istandards ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol ibbażati fuq il-liġi Komunitarja.”;

(d) il-punt E għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-punt (3), l-ewwel sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“Il-kontribut Komunitarju għas-sostenn mogħti taħt din is-Subsezzjoni fil-Bulgarija jew fir-Rumanija fir-rigward ta' kull waħda mis-snin 2007, 2008 u 2009 ma għandux jeċċedi l-20 % ta' l-allokazzjoni annwali rispettiva tagħha li toriġina mis-Sezzjoni ta' Garanzija ta' l-EAGGF kif imsemmija fl-Artikolu 34(2) ta' dan l-Att ta' l-Adeżjoni.”

(ii) għandu jiġi miżjud il-punt li ġej:

Artikolu 2

“(5) Ma għandux jittieħed kont tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità għal din il-miżura fil-kalkolu tal-bilanċ bejn l-għanijiet taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.”

Din id-Deċiżjoni għandha titfassal bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża, Bulgara u Rumena, b'kull wieħed mit-tlieta u għoxrin test ugwalment awtentiku.

(e) il-punti F u G għandhom jitħassru.

Artikolu 3

2) Il-punt (1) tas-Sezzjoni II għandu jitħassar.

3) Is-Sezzjoni IV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fl-1 ta' Jannar 2007 suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

“B'deroga mill-Artikolu 70(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, il-kontribut finanzjarju Komunitarju jista' jammonta għal 80 % għall-assi 1 u 3 kif ukoll għas-sostenn tekniku.

Magħmul fil-Lussemburgu, 19 ta' Ġunju 2006.

B'deroga mill-Artikolu 70(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, il-kontribut finanzjarju Komunitarju jista' jammonta għal 82 % għall-assi 2.”

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL